REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 719/2009

tas-6 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1251/2008 fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti krustaċji u annimali akkwatiċi ornamentali lejn il-Komunità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/88/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' saħħet l-annimali li għandhom jiġu applikati għat-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni u t-tranżitu mill-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom jiġu introdotti fil-Komunità biss minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi li jidhru fuq lista ppreparata u aġġornata skont il-proċedura msemmija fiha.

(2) L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard [2], jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-importazzjoni ta' annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa.

(3) Skont l-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjonijiet ta' ħut ornamentali li mhuwiex ta' speċi suxxettibbli għal xi marda elenkata fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE, u molluski ornamentali u krustaċji ornamentali maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa, li ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji li huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE). Dik id-dispożizzjoni tiżgura li d-dejta epidemjoloġika rilevanti relatata ma' dawk l-annimali tkun disponibbli għall-membri kollha tal-OIE.

(4) L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet ta' annimali tal-akkwakultura maħsuba għall-biedja, żoni tas-sajd ripopolati artifiċjalment u faċilitajiet ornamentali miftuħa, u ta' ħut ornamentali suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE u maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa.

(5) Is-Segretarjat tal-Komunità tal-Paċifiku (SPC) huwa organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi għajnuna teknika, taħriġ u servizzi ta' riċerka lil 22 pajjiż u territorju tal-Gżejjer tal-Paċifiku f'oqsma bħas-saħħa, l-iżvilupp tal-bniedem, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd. Ċerti membri tal-SPC mhumiex membri tal-OIE.

(6) L-OIE u l-SPC ikkonkludew Ftehim f'Settembru 1999. Skont dak il-Ftehim, l-SPC għandu jħeġġeġ lil dawk fost il-membri tiegħu li mhumiex membri tal-OIE biex jipparteċipaw f'netwerk tal-informazzjoni tal-OIE għas-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-annimali akkwatiċi.

(7) L-Anness għal dak il-Ftehim, konkluż mill-SPC u l-OIE fl-10 ta' April 2003, jistabbilixxi t-termini ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ partijiet għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u d-distribuzzjoni ta' Sistema Reġjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali għall-Pajjiżi u t-Territorji tal-Gżejjer tal-Paċifiku.

(8) Permezz tal-ittri tal-31 ta' Marzu 2009 u t-30 ta' April 2009, l-SPC informa lill-Kummissjoni li l-membri tal-SPC li mhumiex membri tal-OIE jistgħu jiksbu informazzjoni rilevanti dwar il-mard fis-Sistema Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali tal-OIE b'konformità mal-kriterji tal-OIE, minn Mejju 2009.

(9) Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi emendat l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008, sabiex jiġu awtorizzati l-importazzjonijiet ta' ħut ornamentali li mhuwiex speċi suxxettibbli għal xi marda elenkata fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE, u molluski ornamentali u krustaċji ornamentali, maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa, ukoll minn pajjiżi terzi u territorji li mhumiex membri tal-OIE iżda li għandhom ftehim uffiċjali ma' dik l-organizzazzjoni biex jipparteċipaw fin-netwerk tagħha ta' informazzjoni għas-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-annimali akkwatiċi.

(10) L-Istati Uniti kkonfermaw li Pwerto Riko, il-Gżejjer Verġni Amerikani, is-Samoa Amerikana, Guam u l-Gżejjer tan-Northern Mariannas jitqiesu territorji tal-Istati Uniti u l-awtorità kompetenti tal-Istati Uniti hija responsabbli għan-notifika tal-mard tal-annimali lill-OIE.

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
[2] ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41.

(11) L-Anness III għal dak ir-Regolament għandu wkoll jiġi emendat skont dan, biex jinkludi l-membri rilevanti tal-SPC.

(12) Skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw it-tqegħid fuq is-suq tal-annimali u prodotti tal-akkwakultura [1], l-Istati Membri kellhom jiżguraw li l-importazzjonijiet ta' annimali u l-prodotti tal-akkwakultura minn pajjiżi terzi kienu suġġetti għal kundizzjonijiet mill-inqas ekwivalenti għal dawk li japplikaw għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti Komunitarji.

(13) Waqt li d-Direttiva 91/67/KEE kienet fis-seħħ, l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ta' krustaċji għall-biedja, żoni tas-sajd ripopolati artifiċjalment, u faċilitajiet ornamentali miftuħa kienu permessi fl-Istati Membri. Dik id-Direttiva ġiet revokata u sostitwita mid-Direttiva 2006/88/KE, li armonizzat ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għal dawn l-importazzjonijiet.

(14) L-Artikolu 20(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 jistabbilixxi perjodu tranżitorju li matulu kunsinni ta' krustaċji għall-biedja, żoni tas-sajd ripopolati artifiċjalment, u faċilitajiet ornamentali miftuħa jistgħu jkomplu jiġu importati skont is-sistema li kienet teżisti qabel ma daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2006/88/KE. Dak il-perjodu tranżitorju jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2009.

(15) Għaldaqstant, l-Istati Uniti għandhom jiġu inklużi fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1251/2008, sakemm jitlestew l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa skont id-Direttiva 2006/88/KE biex tkun ivverifikata l-konformità mar-regoli Komunitarji dwar is-saħħa tal-annimali akkwatiċi.

(16) L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(17) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Ħut ornamentali li mhuwiex ta' speċi suxxettibbli għal xi marda elenkata fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE, u molluski ornamentali u krustaċji ornamentali, maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa, għandhom jiġu impurtati fil-Komunità biss jekk ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji li:

(a) huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE); jew

(b) jinsabu elenkati fl-Anness III u għandhom ftehim formali mal-OIE biex jippreżentaw informazzjoni regolarment dwar l-istat ta' saħħa tal-annimali tagħhom lill-membri ta' dik l-organizzazzjoni."

(2) L-Anness III huwa sostitwit bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1.

ANNESS

"ANNESS III

LISTA TA' PAJJIŻI TERZI, TERRITORJI, ŻONI JEW KUMPARTIMENTI [1]

(imsemmija fl-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 11)

Pajjiż/territorju		Speċi tal-Akkwakultura			Żona/Kumpartiment	
Kodiċi ISO	Isem	Ħut	Molluski	Krustaċji	Kodiċi	Deskrizzjoni
AU	L-Awstralja	X [A]				
BR	Il-Brażil	X [B]				
CA	Il-Kanada	X			CA 0 [D]	It-territorju kollu
					CA 1 [E]	British Columbia
					CA 2 [E]	Alberta
					CA 3 [E]	Saskatchewan
					CA 4 [E]	Manitoba
					CA 5 [E]	New Brunswick
					CA 6 [E]	Nova Scotia
					CA 7 [E]	Prince Edward Island
					CA 8 [E]	Newfoundland u Labrador
					CA 9 [E]	Yukon
					CA 10 [E]	It-Territorji tal-Majjistral
					CA 11 [E]	Nunavut
CL	Iċ-Ċili	X [A]				Il-pajjiż kollu
CN	Iċ-Ċina	X [B]				Il-pajjiż kollu
CO	Il-Kolombja	X [B]				Il-pajjiż kollu
CG	Il-Kongo	X [B]				Il-pajjiż kollu
CK	Il-Gżejjer Cook	X [G]	X [G]	X [G]		Il-pajjiż kollu
HR	Il-Kroazja	X [A]				Il-pajjiż kollu
HK	Ħong Kong	X [B]				Il-pajjiż kollu
IN	L-Indja	X [C]				Il-pajjiż kollu
ID	L-Indoneżja	X [A]				Il-pajjiż kollu

[1] Skont l-Artikolu 11 ħut ornamentali li mhuwiex ta' speċi suxxettibbli għal xi marda elenkata fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE, u molluski ornamentali u krustaċji ornamentali, maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa, jistgħu wkoll jiġu importati fil-Komunità minn pajjiżi terzi jew territorji li huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE).

Pajjiż/territorju		Speċi tal-Akkwakultura			Żona/Kumpartiment	
Kodiċi ISO	Isem	Ħut	Molluski	Krustaċji	Kodiċi	Deskrizzjoni
IL	L-Iżrael	X (A)				Il-pajjiż kollu
JM	Il-Ġamajka	X (B)				Il-pajjiż kollu
JP	Il-Ġappun	X (B)				Il-pajjiż kollu
KI	Kiribati	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
LK	Is-Sri Lanka	X (B)				Il-pajjiż kollu
MH	Il-Gżejjer Marshall	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
MK (F)	dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	X (B)				Il-pajjiż kollu
MY	Il-Malasja	X (B)				Il-Malażja Peninżulari tal-Punent
NR	Nauru	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
NU	Niue	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
NZ	New Zealand	X (A)				Il-pajjiż kollu
PF	Il-Polineżja Franċiża	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
PG	Il-Papwa Ginea l-Ġdida	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
PN	Il-Gżejjer Pitcairn	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
PW	Il-Palau	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
RU	Ir-Russja	X (A)				Il-pajjiż kollu
SB	Il-Gżejjer Solomon	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
SG	Singapor	X (B)				Il-pajjiż kollu
ZA	L-Afrika t'Isfel	X (A)				Il-pajjiż kollu
TW	It-Tajwan	X (B)				Il-pajjiż kollu
TH	It-Tajlandja	X (B)				Il-pajjiż kollu
TR	It-Turkija	X (A)				Il-pajjiż kollu
TK	It-Tokelaw	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
TO	It-Tonga	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu
TV	Tuvalu	X (G)	X (G)	X (G)		Il-pajjiż kollu

Pajjiż/territorju		Speċi tal-Akkwakultura			Żona/Kumpartiment	
Kodiċi ISO	Isem	Ħut	Molluski	Krustaċji	Kodiċi	Deskrizzjoni
US	L-Istati Uniti ([H])	X		X	US 0 ([D])	Il-pajjiż kollu
		X			US 1 ([E])	Il-pajjiż kollu, ħlief l-istati li ġejjin: New York, Ohio, Illinois, Michigan, Indiana, Wisconsin, Minnesota u Pennsylvania
			X		US 2	Humboldt Bay (California)
					US 3	Netarts Bay (Oregon)
					US 4	Wilapa Bay, Totten Inlet, Oakland Bay, Quilcence Bay u Dabob Bay (Washington)
					US 5	NELHA (Hawaii)
VN	Il-Vjetnam	X ([C])				
WF	Wallis u Futuna	X ([G])	X ([G])	X ([G])		Il-pajjiż kollu
WS	Samoa	X ([G])	X ([G])	X ([G])		Il-pajjiż kollu

([A]) Tapplika għall-ispeċi ta' ħut kollha.

([B]) Tapplika biss għal speċi ta' ħut suxxettibbli għas-Sindromu ulċerativ epiżotiku skont il-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa u *Cyprinidae*.

([C]) Tapplika biss għal speċi ta' ħut suxxettibbli għas-Sindromu ulċerativ epiżotiku skont il-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa.

([D]) Tapplika biss għal speċi ta' ħut suxxettibbli jew speċi li jgħaddu l-marda settiċemija emorraġika virali skont il-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE.

([E]) Tapplika biss għal speċi ta' ħut suxxettibbli għal jew speċi li jgħaddu l-marda settiċemija emorraġika virali skont il-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE.

([F]) Kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod id-denominazzjoni definittiva għal dan il-pajjiż, li għandha tiġi maqbula wara l-konklużjoni tan-negozjati għaddejja bħalissa fuq dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

([G]) Tapplika biss għal importazzjonijiet ta' ħut ornamentali li mhumiex ta' speċi suxxettibbli għal xi marda elenkata fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE, u molluski ornamentali u krustaċji ornamentali, maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa.

([H]) Għall-għan ta' dan ir-Regolament l-Istati Uniti jinkludu Pwerto Riko, il-Gżejjer Verġni Amerikani, is-Samoa Amerikana, Guam u l-Gżejjer tan-Northern Mariannas."